MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 427/2003

**Sebastiana Attard**

**vs**

**Kevin Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici Sebastiana Attard u l-konvenut Kevin Attard izzewgu fit-22 ta' Ottubru 1988 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "SA1";

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha

mpossibbli ghall-konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, bi ksur ta' l-artikolu 19 (d) tal-Kap. 255;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u nvalidu skond il-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attrici fis26 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti pprefiggitilha terminu ta' disghin (90) gurnata sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-22 ta' Lulju 2003 a fol. 9 fejn gie eccepit:-

1. Illi jekk hemm lok ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg bejn il-partijiet kontendenti, dan jista' jkun biss minhabba l-anomalija psikologika serja li skond l-attrici *"ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta (cjoe' l-attrici) illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

2. Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 tal-process.

Rat il-verbal tat-22 t'Ottubru 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' tletin (30) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 21 ta' Novembru 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess u iehor ta' ommha Faustina Portelli.

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota tal-konvenut tat-18 ta' Mejju 2004 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tiegHu u dak ta' ommu Denise Attard.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 2004 fejn fuq talba ta' Dr. John Vassallo ghall-konvenut il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005.

Rat id-digriet datat l-1 ta' Gunju 2004 fejn il-Qorti rrikjamat din il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici fl-ewwel premessa taghha ssostni li l-kunsens tal-konvenut kien nieqes mid-diskrezzjoni necessarja biex jizzewweg, u ghalhekk l-istess attrici qed ticcita l-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu jghid hekk:-

*"**Art. 19 (1):** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja*

*mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi Il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Infatti l-awtur ***Bersini*** (**Il Diritto Canonico Matrimoniale** [Torino, 1994]) jispjega li:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita' li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cjoe' li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is*

*indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich*, *P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** [Montreal,1993],p.686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere"*. *"L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale"*, skond ***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological*

*cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (***Viladrich*, *P.J.*,** op. Cit., p. 687).

**(i) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fit-22 t’Ottubru 1988 u dan wara li kienu ltaqghu *circa* tliet snin qabel. L-attrici tirrakkonta fl-affidavit taghha li l-problema kbira u konsistenti da parti tal-konvenut ta’ nuqqas ta’ manteniment, fejn hija tghid u ssostni li kulma kien jaghtiha kien biss ghaxar liri fil-gimgha, bil-konsegwenza li wara xi snin hija kienet kostretta tmur tahdem. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien jaghmel dan u anke aghar minhabba li kellu vizzju tal-loghob ta’ l-azzard, u jidher li minhabba din il-problema r-relazzjoni ta’ bejniethom tfarrket.

Illi jekk wiehed jara x-xhieda ta’ l-attrici l-Qorti ma tistax ma tinnotax li minhabba dan il-vizzju tal-konvenut l-attrici ghaddiet minn martirju shih, fejn anke jirrizulta li sabiex jalimenta dan il-vizzju mhux biss il-konvenut kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-manteniment, izda wkoll kien ibiegh affarijiet minn god-dar, inkluzi ghamara. Dan wassal ukoll ghall-litigi kontinwu bejn il-partijiet, fejn l-attrici takkuza li l-konvenut kien sahansitra jerfa’ jdejh fuqha. Din il-fissazzjoni tal-konvenut wasslet li anke tilef ix-xoghol u fl-ahhar mill-ahhar l-attrici abbandunatu.

Illi li huwa ta’ preokkupazzjoni f’din il-kawza huwa l-fatt li fl-affidavit ipprezentat mill-konvenut, dwar dan il-vizzju l-konvenut assolutament ma jghid xejn, qisu qatt ma gara – u dan meta qed nitkellmu dwar perjodu ta’ lanqas tnax-il sena, u cjoe’ z-zmien li l-partijiet ghexu flimkien. Il-konvenut jilmenta li l-attrici dejjem kienet tkun ghand ommha, jakkuzaha illi kkommettiet adulterju fil-konfront tieghu. Izda fil-fatt ix-xhieda tal-konvenut ma tikkonvincix lil din il-Qorti anke peress li l-akkuzi kollha diretti lilu mill-attrici dwar il-vizzju tieghu bl-ebda mod ma gew indirizzati mill-istess konvenut. Ghalhekk din il-Qorti thoss li bil-mod kif tressqu l-provi x-xhieda ta’ l-attrici hija aktar verosimili, u l-problemi kollha ta’ din il-koppja kienu naxxenti mill-fatt li l-konvenut kellu tul iz-zwieg kollu, problema serja ta’

loghob ta’ azzard, li ghal kollox issuperat l-attenzjoni tieghu ghall-hajja konjugali u tal-familja.

Fl-optika tal-kawza odjerna jirrizulta ghalhekk illi l-konvenut involut kif kien b’dan il-vizzju ma seta’ qatt ikollu l-kunsens necessarju sabiex irendi dan iz-zwieg validu. Mix-xhieda taz-zewg partijiet partikolarment mix-xhieda ta’ l-attrici u x-xhieda minnha prodotta, jirrizulta li f’dak il-mument u anke wara z-zwieg, il-konvenut ma kienx kapaci jifhem l-obbligi tieghu bhala ragel mizzewweg, u fil-fatt jidher li tul is-snin kollha hu dawn abbandunahom ghal kollox.

Illi kienet nieqsa mill-konvenut id-diskrezzjoni necessarja u l-impenn sabiex jiddedika ruhu ghall-familja tieghu.  Fil-fatt il-provi attrici juru li fl-istat li kien kien adirittura mpossibli ghalih li jaghmel dan.  Fil-fatt jista’ jinghad li din il-kilba tieghu ghall-loghob ta’ l-azzard kienet tant kbira li huwa ma setax lanqas kieku ried josserva l-elementi essenzjali taz-zwieg b’dan li l-kuncett ta’ *consortium vitae* kien wisq ghalih biex jifhem is-sinifikat tieghu, u dan apparti li anke kieku ried minhabba l-agir tieghu premess kien impossibbli ghalih li jsegwih.

Illi huwa vera li din il-Qorti bhalma jigri hafna drabi fil-kawzi qed tirreferi ghall-fatti li graw fiz-zwieg, meta l-kwistjoni odjerna hija dwar l-ghoti tal-kunsens fil-mument taz-zwieg u aktar in partikolari l-validita’ *o meno* ta’ l-istess kunsens.  Izda ovvjament l-agir tal-persuna nvoluta wara z-zwieg titfa’ dawl u hija fiha nfisha prova ta’ l-animu u d-diskrezzjoni li biha persuna tidhol ghal dan l-impenn li huwa ntenzjonat li jorbot ir-regolamentazzjoni tal-hajja ta’ dak li jkun, ghalkemm indumu f’din id-dinja.  Dan ifisser li meta wiehed jara, bhal f’dan il-kaz, agir konsistenti ta’ parti kontra kull kuncett ta’ ghaqda fil-familja, anzi b’dannu ghall-istess familja u nuqqas ta’ rispett totali ghal dawk li huma l-principji bazici ta’ tali unjoni, ma jistax hlief jikkonkludi li dak l-agir persistenti u kostanti huwa mera tan-nuqqas ta’ mpenn u nuqqas ta’ koncepiment fl-ghoti tal-kunsens taz-zwieg u tas-sinifikat tieghu.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi li l-konvenut fil-mument taz-zwieg kellu l-vizzju tieghu affett min-nuqqas serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, b'dan li dan irrendih impossibbli li jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti miz-zwieg. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha kif dedotta.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tat-22 t'Ottubru 1988 null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------